# 125. L-Ewwel Qatgħa Xagħar

Ja Fredu żgħir, ix-xagħar li twelidt bih
kibirlek ħafna, u għamlek qisek tifla;
għalkemm kont tidher anġlu b'dawk in-nokkli,
int kellek taqtgħu.

Iżd'ommok ma kellhiex xelin biex tħallas
lill-parrukkier; bilfors li kellha tkejjel
kull sold li tonfoq, għax miskin missierek
inzerta qiegħed.

Ommok waħħlitha f'rasha li kif kellha
il-ħila taħsel, tgħaddi, tħit u ssajjar,
hi kellha l-ħila taqta' x-xagħar ta' wliedha;
imqass hi ħatfet

U qabdet tqarweż nokkla wara nokkla
mal-art intefgħu, nokkli sbieħ tad-deheb
qishom tal-anġli; 'mma waqt li kienet taqta'
ommok bdiet toħlom

Il-ħolma ta' Ġakobb, u rat it-taraġ
minn l-art sas-sema mimli kollu anġli;
u xagħrek, Fredu żgħir, spiċċa sar taraġ,
tarġa wara oħra.

Tbissmet iz-zija, tbissmu l-ġirien kollha
kif rawk imqarweż hekk; 'mma xorta tilgħab
int ħriġt ma' sħabek, xorta l-ħobż biż-żejt
kilt fuq il-għatba;

U xorta rqadt fil-fond, meta ommok kienet
mimlija ħsieb; l-anġli telgħu u niżlu
mat-taraġ ta' fuq rasek, kemm għoġobhom
bla ma ħassejthom.

Tibżax, ja Fredu żgħir, xagħrek jikbirlek,
it-tqarwiż jgħib, missierek jibda jaħdem,
u minn għand il-barbier int miegħu toħroġ
bħal raġel żgħir!